Is-Swieqi
LOCAL COUNCIL

MINUTI

LAQGHA TAL-KUNSILL LOKALI S-SWIEQI

IS-SEBA LEGISLATURA 2017

SEDUTI NUMRI 51 (Kontinwazzjoni)

Il-Kunsill Lokali tas-Swieqi iltaqa' fl-ufficcju Amministrattiv tieghu li jinsab fic-Centru Civiku, Kunsill Lokali S-Swieqi, Triq G. Bassiera nhar il-Hamis l-1 ta'Frar 2018, fis- 17.00.

Prezenti

| | | |
|---|---|---|
| Noel Muscat | - | Sindku |
| Maryanne Abela | - | Kunsillier |
| Paul Fenech | - | Kunsillier |
| Alfred Curmi | - | Kunsillier |
| Theresa Valentino | - | Kunsillier |
| Mauro Miceli | - | Kunsillier |
| Matthew Bonello | - | Kunsillier |

Skuzat minhabba raguniijiet ta-sahha: Alex Chetcuti, filwaqt li Dr. Justin Fenech huwa msiefer

Ufficjal Prezenti: Vince Tanti - Segretarju Ezekuttiv

Din il-laqgha kienet kontinwazzjoni tal-laqgha numru 51, u ghalhekk ma'nqrawx minuti.

I Punt mressaq mis-Sindku Noel Muscat

Is-Sindku ta' merhba lura lill-Kunsillier A. Curmi li rritorna ghax-xoghol tal-Kunsill wara intervent mediku. Peress li ressaq ir-rapport tieghu fil-laqgha tal-Kunsill tal- gimgha ta' qabel, ma kellux punti xi jzid u talab lill-Kunsillieri prezenti iressqu l-punti taghhom.

II Punti mressqa mil Kunsillier T. Valentino

Il-Kunsillier staqsiet lis-Sindku jekk tkellimx mal-kuntrattur minhabba is-sinjali tal-parkegg fi Triq il-Qawsalla.

Hija staqsiet ukoll kienx hemm progress fuq l-ipproponut Rock Garden fl-istess triq. Is-Segretarju Ezekuttiv informha li dan il-progett qieghed parti mill-progett ta' l-Urban Greening.

Tkellmet ukoll fuq it-tabelli sofor ta' Transport Malta li kienu ittellghu ghal progett tal-Kappara. Kif ssostniet diversi drabi waqt il-Kunsill dawn it-tabelli iridu jinqalghu ghax skond hi huma *misleading* u n-nies ma jaghtux kashom. Is-SE ser jerga jikteb lil-Transport Malta biex jinqalghu dawn is-sinjali. Is-Sindku issugerixxa li tintbghat ittra lil-Sur Silvio Scerri biex dawn jinqalghu immedjatament.

Fl-ahharnett hija pprezentat lista ta' l-applikazzjonijiet u l-appelli li hargu fil-konfini tas-Swieqi, u li attendiet ghalihom sabiex jittellghu fuq il-pagna tal-facebook tal-Kunsill. (Anness A).

III Punti mressqa mil-Kunsillier A. Curmi

Is-Sur Curmi beda billi informa li fil-website tal-Kunsill ghadu jidher Hugh Zammit bhala Segretarju Ezekuttiv. Irrimarka wkoll li il-popolazzjoni li tidher mhix korretta lanqas u talab biex din l-informazzjoni tigi rrangata.

Huwa staqsa sarx progress ghat-tqeghied tal-Berlin Bear barra mill-ufficcju tal Kunsill. Is-Segretarju Ezekuttiv infurmah li kien ser iwahhlu fuq l-ghassa tal-Pulizija, izda jidher li hemm qbil li jitwahhal fil-pjazza, fuq il-bieb tas-sala.

Tkellem fuq il-budget 2018 u l-estimi fininzjarji tal-Kunsill ghal 2017, u talab biex issir laqgha specifika bhal lum gimgha, 8 ta' Frar fl-16.00 biex jigi diskuss dan is-suggett biss.

Din is-seduta ntemmet fis-7.30pm u giet aggornata ghal nhar il-Hamis 1 ta'Frar 2018.

| | |
|---|---|
| Noel Muscat | Vince Tanti |
| Sindku | Segretarju Ezekuttiv |